# IL-KONFESSUR LI KIEN JAGHRAF IL-QLUB.




**Padre Pio fil-konfessjonarju tieghu.**

Padre Pio kien patri intelligenti hafna. Il-harsa tieghu kienet wahda helwa, izda penetranti. Kien jaghraf is-sitwazzjonijiet b'heffa. Vucitu kienet helwa b'accent naplitan. Kliemu kien semplici. Il-gesti tieghu kienu jixdhu umilta' imma ukoll majesta'. Id-dehra tieghu kienet wahda modesta ghal ahhar. It-temperament tieghu kien wiehed sangwinju jew kalm. Imma meta kien jinkorla, ghaliex quddiemu kien jara l-ikoprezija, kien jintela' b'korla qaddisa. Imma malajr kien jikkalma u jurik li kellu kontroll tieghu nnifsu.

Wara li kien jiccelebra l-quddiesa u jaghmel radd il-hajr, kien imur ghall-kolazzjon. Wara kien imur iqarar sa nofs inhar u kien jirritorna wara nofs inhar. Hafna mill-hin tieghu kien jghaddih fuq l-altar u l-konfessjonarju.  Kull qrara li kien jisma' tieghu kienet tkun qasira; kienet tiehu biss

madwar tlett minuti, madanakollu kien jghaddi sighat twal kuljum jisma' il-qrar.  Kien irid li kull qrara, pero' tkun wahda ta' konverzjoni vera. Tant kien hemm nies li riedu jkellmuh li l-pulizija giet imsejha biex izomm l-ordni. Aktar tard kellu jsir kancell tal-hadid madwar il-konfessjonarju. Anqas din il-haga ma solviet il-problema. Twaqqaf ufficju biex kull min kien irid ikellmu kien jaghmel appuntament u jircievi biljett numerat jum biss qabel. In-nies kienu jistennew sa minn lejl



**In-nisa jistennew li jkun imisshom biex jitilghu jqerru ghand Padre Pio.**

shih hdejn l-ufficju jistennewh jiftah. Inkredibbli, imma dak li kien jattira hafna lin-nies biex iqerru ghandu kien is-severita' li biha kien jittratta l-penitenti tieghu. Ma kien qatt jippermetti lil xi penitent  jitkellem mieghu b'ambigwita'. Kien prattikament impossibli li wiehed jahbi jew jghid haga b'ohra ghaliex hu kien jaghraf il-profondita' tar-ruh tal-bniedem.

Lin-nisa kien iqararhom fil-konfessjonarju filwaqt li kien jisma' il-qrara ta' l-irgiel fis-sagristija. Jinghad li Padre Pio sema' madwar 5 miljun qrara matul iz-zmien li fih kien jamministra dan is-sagrament.

Kien jibghat lura lil dawk il-penitenti li kienu jippruvaw jiskuzaw ruhhom mill-htijiet taghhom, jew li ma kellhomx indiema serja ta' dnubiethom jew li ma kienux lesti li jpattu ghal dnubiethom. Hafna kienu jigu lura b'disposizzjoni xierqa u mbaghad kien jittratthom b'mod tajjeb.

Ezempju ta' dan li qed nghidu huwa l-fatt ta' wahda sinjura li marret ghand Padre Pio biex tqerr izda l-patri baghatha lura. Harget tikbi mill-konfessjonarju u baqghet tikbi ghal tlett ijiem shah barra l-kunvent. Fir-raba jum, Padre Pio laqaghha. Kien jaf li biex tehles mill-hajja hazina taghha u ma titlifx ruhha kien hemm bzonn li tkun umiljata u dak il-metodu biss seta' jservi ta' umiljazzjoni ghall-mara.

Aspett iehor tal-qrar ta' Padre Pio kien il-mod kif kien jghin lill-fidili jiftakru dnubiethom u anke gie li qalilhom ic-cirkustanzi li fihom ikkommettew htijiethom.

Esperjenzi ta' xi penitenti li marru jqerru ghand Padre Pio. (Ftit ezempji)

*Carlo Campanini resaq iqerr ghand Padre Pio fis-sena 1950, Padre Pio qallu: "Ibda mis-sena 1936."*
*"Imma jiena diga' qerrejt il-gimgha li ghaddiet."*
*"Ghidlek ibda' mis-sena 1936."*

*Campanini ftakar x'kien ghamel fis-sena 1936 u staha jqerr dak li kien ghamel. Jistqarr Campanini li dik il-qrara bidlitlu hajtu u minn dik inhar qatt ma naqas li jattendi l-quddies.*

*Dr Ezio Saltamerenda kkonvinca lil iskultur Francesco Messina fis-sena 1949 biex jakkumpanjah izur lill-Padre Pio. Malli rah Padre Pio staqsieh jekk riedx iqerr. Wiegbu: " Jista' jkun imma ma nhiex mhejji." Padre Pio qallu:" Tghidli xejn, izda wiegeb biss."*

*"Dnubieti tant qalhomli bi precizzjoni bhallikieku kien qed jaqra r-ruh tieghi."*

*Luisa Vario marret tqerr: " Ma nafx ser naqbad nghidlek."*
*"Allura nitkellem jiena ghalik."*
*U rrakontali hajti kollha.*
*"Ghandek xi haga ohra xi tghidli?"*
*Imbaghad stqarrejt dnub li hu ma kienx qaluli.*
*" Dak kien id-dnub li kont qed nistenna li tghidli."*

*Alberto del Fante kien gurnalista ateu li kiteb artikli fil-gazzetta ITALIA LAICA kontra Padre Pio javvelih li kien impustur u jqarraq bin-nies. Meta s-suggett kien fuq neputih li fieq minn marda nkurabbli bl-intercessjoni ta' Padre Pio, biddel hsibijietu. Wara li rcieva l-maghmudija halla Bolonja fejn kien jghix u rhielha lejn San Giovanni Rotondo biex jara b'ghajnejh lil Padre Pio. Wara li rah, Del Fante resaq lejn Padre Pio biex iqerr. "Padre qatt ma kont bniedem religjuz, imma dejjem kont onest."*

*"Onest? Anke meta inti......." u fakkar lill-penitent dnubietu u c-cirklustanzi taghhom. L-ghada it-2 ta' Novembru, 1930, Del Fante attenda l-quddiesa ta' Padre Pio u tqarben.*

*Jistqarr Del Fante li meta Padre Pio qarbnu, huwa seta' jara il-pjaga ta' idejh u jxomm riha mill-aktar tfuh. "Nista' nghid li dik it-tqarbina kienet wahda mill-aktar migbura ta' hajti."*

*Fis-sena 1920, gewwa certu belt, kien hemm kriminal li kien membru ta' corma nies brikkuni. Iddecieda li joqtol lil martu biex ikun jista' jghix ma' ohra, izda ried isib alibi. Billi kien jaf li martu kienet devota ta' Padre Pio, fassal pjan. It-tnejn kellhom imorru gewwa San Giovanni Rotondo u jsibu akkommodazzjoni gewwa lukanda. Darba hemm, martu zgur li kienet ser timpressjona ruhha tarah jersaq lejn il-qrar ghand il-patri kappuccini. Sabiex jaghmel hekk kellu bzonn ta' biljett li htieglu jakkwista mill-ufficju tal-kunvent minn qabel. Il-biljett kien jindika il-jum u l-hin li jkun iqerr ghand Padre Pio. L-unika differenza kellha tkun li f'dak il-jum flok imur ghall-qrar, joqtol lil martu gewwa l-lukanda. Imbaghad matul il-lejl huwa jidfinha bil-mohbi fil-foresta. U billi kemm hu kif ukoll martu kienu nies skonoxxuti gewwa San Giovanni Rotondo, hadd ma kien ser jaghti kaz. Jekk il-pulizija jiskopri d-delitt u jistaqsuh fejn kien dak il-hin, l-iskuza kellha tkun li kien iqerr ghand Padre Pio. U jurihom il-biljett bhala prova.*

*Meta wasal l-ufficju biex jirtira l-biljett tal-qrar inzerta li Padre Pio kien qed jithaddet mal-patri responsabbli mill-biljetti. Ir-ragel ma kienx jaf min hu Padre Pio u resaq lejh u talab l-biljett lil Padre Pio nnifsu.*

*"Itlaq, itlaq," qallu Padre Pio," Ma tafx li ma tistax toqtol?" Ma' dak il-kliem ir-ragel harab u waqt li kien qed jigri waqa' u wiccu gie fit-tajn. F'tebqa' t'ghajn ra il-kruha ta' hajtu u hass it-toqol ta' l-att kriminali li kien ser jaghmel. Rega' lura lejn il-knisja u sab lill-Padre Pio u talbu biex iqerr. Bi hlewwa kbira Padre Pio beda' jfakkru dnub dnub bid-dettalji kollha taghhom sa ma wasal fil-pjan li joqtol lil martu.*

*Talbu jahfirlu u Padre Pio tah l-assoluzzjoni flimkien mal-benedizzjoni. Imbaghad ir-ragel sema' weghda: "Naf li dejjem xtaqt tarbija u ma setghux ikollkom. Ara, toffendi qatt lil Alla u jkollok iben."*

*Sena wara r-ragel irritorna ghand Padre Pio biex jizzik hajr tal-grazzja li martu li sena qabel ried joqtol issa welldet tarbija.*

*Jum wiehed Padre Pio kien qed jitkellem ma' hafna parruccani fil-gnien tal-kunvent. F'hin minnhom dehrlu li nesa' maktur fic-cella u talab lil wiehed minn dawk prezenti biex imur igibulu. U tah ic-cavetta. Waqt li kien qed iqalleb ghall-maktur sab ingwanta li Padre Pio kien jilbes biex jahbi l-istigmata ta' idejh.*

*Kollu ferhan esklama: "Dik relikwija perfetta" u hadha. Meta mar lura fil-gnien dak il-bniedem tah il-maktur, u filwaqt li Padre Pio rringrazzjah qallu: " Issa mur poggi l-ingwanta min fejn hadtha."*

*Meta kiteb fil-gazzetta Il Tempo, fl-edizzjoni tas-17 ta' Ottubru 1950, li harget f'Ruma, Giovanni Artieri umilment jistqarr li Padre Pio canfru ghaliex" kien nisrani mbieghed u mhux prattikanti, li qalbu dejjem tiggieled l-intelligenza tieghu."*

*Fil-gazzetta Stampa Sera tas-6-7 ta' Gunju 1938, Attilio Crepas jikteb li hu mar San Giovanni Rotondo biex jikteb storja fuq Padre Pio. U qabel ma l-gurnalista vvicina lill-Padre Pio, kien l-istess Padre Pio li ha l-inizjattiva biex jistaqsih: " Ghaliex mohhok fl-iskrivanija tieghek u l-karti tieghek? Inti ma intix qed iggib ruhek sew meta tfittex li taghmel hoss b'qassis li jitlob biss?"*

*Monsinjur Giuseppe Orlando minn Benevento jirrakonta dan il-fatt:*
*Bidwi, lejla wahda, kellu ugigh kbir fi snienu u talab bla waqfien l-ghajnuna ta' Padre Pio, izda Padre Pio deher li kien trux ghat-talba tieghu. Il-bidwi qabad zarbun u garah bi vjolenza lejn stampa ta' Padre Pio li kienet imdendla fuq soddtu. Xi zmien wara, mar izur San Giovanni Rotondo. Kien nesa' dik l-azzjoni bla gieh lejn ix-xbiha ta' Padre Pio. Resaq lejn Padre Pio biex iqerr u l-patri kappuccin b'vuci iebsa staqsieh: "Wara li tajtni daqqa go rasi biz-zarbun, ghandek il-kuragg tigi ghandi u tkellimni?*

*Abbé Benoît, is-segretarju generali ta' l-Istitut Kattoliku ta' Lille, fin-naha ta' fuq fi Franza mar ma' xi sacerdoti ohra francizi gewwa San Giovanni Rotondo. Talab lill-Padre Pio pjacir biex dan jiffirmalu taht xbiha qaddisa li kien xtara biex johodha mieghu lura d-dar bhala tifkira. Meta kien ser*

*inewwillu l-kartolina qaddisa, Padre Pio talbu biex jisilfu l-brevjar u wara li sab pagna vojta, kitiblu xi sentenzi fuqha. Kif Abbe Benoit ha lura l-brevjar u fethu qara dak li kitiblu Padre Pio u baqa' mibluh. Il-kitba kienet bi twegiba ghall-problema spiritwali tahraq li kienet tinkwetah ghal bosta snin. Aktar stghageb meta rrealizza li ma haseb anqas darba fuq din il-problema minn meta wasal San Giovanni Rotondo.*

*It-teologi jikklassifikaw l-episodji fuq ir-rakontati – li huma ftit hafna minn dak li sehhew – bhala karizma maghrufa "id-dixxerniment ta' l-ispirtu." Din il-karizma tghin biex bniedem jiddistingwi b'mod gust u tajjeb l-origini ta' l-emozzjonijiet interni tar-ruh sabiex ikun jaf jekk dawn humiex effetti ta' spirtu tajjeb, u allura jimxi fuqhom, jew humiex gejjin minn spirtu hazin u allura joqghod attent biex jahrabhom.*

*Fl-Antik Testment kien hemm sacerdoti fost il-poplu maghzul li kellhom id-don li jiddistingwu profeti veri minn profeti foloz u li jaghrfu li l-ispirtu li kien jispirhom kienx gej minn Allla jew mix-xitan. L-Appostli kellhom ukoll din il-karizma u hafna qaddisin kienu mzejna biha matul l-istorja tal-knisja.*